MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Numru. 260/2013

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**SABRINA BORG**

**(ID Nru. 70786M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputata **SABRINA BORG** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 70786(M) giet akkuzata talli fl-24 ta' Jannar 2012, ghall-habta tad-disgha u ghaxra ta' filghodu (9:10hrs) gewwa Pjazza A. De Paule, Paola:

1. Saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni HLN-277 bla kont.
2. Waqt li qed issuq l-istess vettura regghet lura izjed il-boghod jew f'izjed milli kien bil-fors mehtieg u naqset li tiehu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega biex tiskansa habta jew incident ma' nies jew vettura fi triq.
3. U aktar meta b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involuntarjament ikkagunat offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mary Jacono skond kif iccertifika Dr. Mario Cilia M.D. Mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni ghalhekk talbet lill-Qorti li l-imputata tigi skwalifikata mil-licenzji kollha taghha tas-sewqan ghal-perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom okkorrenza li tinsab a fol 2 et sequitur, affidavit ta' PS 1067 Mario Spiteri a fol 7 u certifikat mediku a fol 8.

Illi fis-seduta tat-12 ta' Frar 2013 gew esebiti l-affidavit ta' Dr Mario Cilia u l-affidavit ta' Dr Jason Zammit. Il-Qorti nnominat lil Mr Alec Sultana sabiex jezamina lil Mary Jacono sabiex jistabilixxi jekk ghandhiex dizabilita' permanenti.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2013 Mr Alec Sultana pprezenta r-rapport tieghu bil-gurament.

Rat illi din il-kawza giet assenjata temporanjament lil din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita b'digriet ta' Assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014 u b'mod permanenti b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014.

**Dr. Mario Cilia** xehed fit-22 ta' Lulju, 2014 fejn gharaf ic-certifikat esebit a fol tmienja (8) datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar 2012 u kkonferma li kien hareg dan ic-certifikat f'isem Maria Jacono. Jghid li Maria Jacono kienet qed issofri minn ksur komplikat fil-polz tal-lemin u kklassifika dawn il-feriti bhala ta' natura gravi.

**PS 1067 Mario Spiteri** xehed fit-22 ta' Lulju 2014 fejn huwa ra l-affidavit tieghu esebit f'dawn l-atti a fol. 7 u kkonferma l-kontenut tieghu. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-okkorrenza relattiva li giet immarkata dokument Z.

Fl-affidavit tieghu jghid li nhar l-24 ta' Jannar 2012 ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' wara nofsinhar (4.45pm) filwaqt li kien qieghed xoghol fl-ghassa tal-pulizija, Rahal Gdid gie nfurmat minn certu Carmel Jacono li aktar kmieni dakinhar ghall-habta tad-disgha u ghaxra ta' filghodu

(9.10am) il-mara tieghu Mary Jacono kienet intlaqtet minn vettura filwaqt li kienet miexja fi Pjazza A. De Paule Paola.

Jghid li minn stharrig li ghamel irrizulta li Mary Jacono kienet weggghet u kellha tigi mehuda l-isptar Mater Dei ghal aktar kura. Hemmhekk giet ezaminata minn Dr Mario Cilia u dan ikklasifika l-griehi taghha bhala dawk li kienu ta' natura gravi stante li kellha ksur fil-polz fejn kellu wkoll isir intervent fuqha permezz ta' operazzjoni.

Jghid li rrizultalu li Mary Jacono intlaqtet minn vettura numru ta' registrazzjoni HLN 277 tal-ghamla Toyota kulur Blue u kienet misjuqa minn Sabrina Borg. Huwa ghalhekk baghat ghas-sinjura Borg fejn dina qaltlu li hija kienet qed tistenna vetturi ohra quddiemha johorgu mill-parkegg taghhom, u dan quddiem ic-Centru tas-Sahha tal-Pjazza ta' Rahal Gdid u f'hin minnhom kellha bzonn timxi lura fejn f'dak il-hin osservat li warajha kien hemm mara li kienet mal-art. Borg qalet li hi nizlet mill-vettura taghha fejn tat l-ewwel ghajnuna lis-sinjura Jacono. Huwa ghalhekk infurmaha li kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront taghha.

**Mary Jacono** xehdet nhar it-22 ta' Lulju 2014 fejn qalet li hija kienet ghadha kif harget mill-Policlinic ta' Rahal Gdid gewwa Pjazza De Paule u appena kienet se taqsam qalet li kien hemm karozza pparkjata u appena kienet mixja wara l-istess karozza dina rriversjat lura u laqtitha. Hija waqghet ma' l-art u kisret idha. Sussegwentement hija qalet li s-sewwieqa li laqtitha ndunat, harget u haditha l-Policlinic. Hija qalet li effettivament giet milquta mill-imputata li hija gharfet fl-Awla.

Sussegwentement naturalment bdiet bil-medikazzjoni ghal idha. Haduha l-isptar u spiccaw operawha f'idha. Qalet li idha kienet miksura u dahlulha xi pinnijiet. Qalet ukoll li kienet sa dik il-gurnata tbati b'idha.

Mistoqsija jekk hux minnu li fejn gara l-incident kien parkegg, hija wiegbet li le l-imputata ma kinitx ipparkjata fil-*parking* u li l-incident sehh fit-triq. Mistoqsija jekk l-imputata kinitix ipparkjata qalet li le ma kinitx waqfet biex tnizzel xi nies mill-karozza u effettivament nizlet mara li hija kienet tahseb li kienet ommha.

Hija qalet li weggghet ghaliex bid-daqqa li qalet bil-karozza waqghet fl-art u kisret idha ghax waqghet fl-art. Qalet li mhux vera li l-mara li kienet fil-kumpanija tal-imputata qaltilha ar' hemm, ar' hemm u hija nhasdet u waqghet. Hija qalet li waqghet ghaliex giet milquta.

Hija qalet li effettivament in-nies bdew jghajjtu ghaliex l-imputata rriversjat lura u huwa minnu li lin-nies semghethom jghajjtu ar' hemm, ar' hemm. Hija qalet li effettivament ma setghax ikun li kienet dik il-mara li kienet mal-imputata li bdiet tghid ar’hemm ar’hemm ghaliex effettivament semghet hafna ilhna u mhux vuci wahda. Qalet li ma setax ikun illi omm l-imputata li bdiet tghajjat ghaliex sa dak il-hin dik is-Sinjura kienet ghadha ma hargitx mill-karozza.

Qalet li l-imputata nizlet lil ommha jew il-mara li kienet maghha wara li hija giet milquta. Hija qalet li hija kienet se taqsam u dak il-hin iriversjat fuqha u wara rat mara niezla mill-karozza. Fil-fatt hija qalet li l-imputata waqfet biex tnizzel mara mill-karozza wara li laqtitha. Mistoqsija ghaliex qabel l-incident hija kienet ukoll il-Policlinic hija qalet li kumbinazzjoni kienet marret ghall-vista taghha u dan ghaliex hija tbghati mill-pressjoni u dak iz-zmien kienet gholja. Qalet ukoll li ma tilbisx nuccali. Mistoqsija wkoll x'hin kien l-incident hija wiegbet li dan sehh wara l-ghaxra ta' filghodu.

**Mr. Alex Sultana l-Ortopaediku nominat mill-Qorti** xehed fis-7 t' Ottubru 2014 fejn wara li ra r-relazzjoni tieghu datata l-ewwel (1) ta' Marzu 2013 inserita fl-atti a fol. 21 tal-process ikkonferma li kien ezamina lil Maria Jacono u dana l-isptar Mater Dei. Huwa kkonkluda li fil-fatt Maria Jacono kienet qed issofri minn dizabilita' permanenti ta' tnejn fil-mija (2%) bhala rizultat tal-feriti li hija sofriet.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2014 gie pprezentat affidavit ta' Stephen Cachia ghan-nom ta' Transport Malta fejn iddikjara li minn indagni li ghamel fir-records ta' l-Awtorita', irrizulta illi l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HLN 277, tal-marka Toyota Vitz ta' kulur Blue, hija registrata fuq Sabrina Borg detentrici tal-karta tal-identita' 70786(M) u din il-vettura ilha hekk irregistrata minn nhar il-5 ta' Jannar 2012.

Illi nhar it-8 ta' Jannar 2015, il-Prosekuzzjoni ddikajrat li ma kellhiex xhieda ohra xi tressaq u dakinhar stess xehdet l-imputata **Sabrina Borg** minn jeddha u b'mod volontarju.

Ikkonfermat li hija ghandha vettura tal-ghamla Toyota numru ta' registrazzjoni HLN 277 u dakinhar tal-incident kienet sejra lejn il-Polyclinic ta' Rahal il-Gdid sabiex taghti l-injezzjoni lit-tifel taghha li dak iz-zmien kellu sentejn. Maghha fil-karozza kellha l-habiba taghha certu Froilan Vella ma' binha u ommha. Tghid li huma kienu rikbin fuq wara qabel l-incident pero' waqt l-incident ommha biss kienet fil-vettura u dan ghaliex Froilan kienet nizlet taralha. Tghid li kienet diehla fil-parking li hemm quddiem Polyclinic pero' tghid li kien hemm xufier li ghamlilha sinjal biex tersaq ftit lura biex hu jkun jista' johrog. Fil-fatt tghid li waqfet u giet wiccha lejn il-hwienet. Qalet li qabel ma bdiet tirriversja semghet lil habiba taghha tghid lill-persuna ohra li kienet ser taqsam ar'hemm ar'hemm. Tghid li din il-persuna kienet ser taqsam minn warajha u waqt li kienet qed thares lejn din il-mara mill-mera ratha taqa'. Naturalment nizlet mill-vettura biex toffrilha l-ghajnuna taghha u qaltilha sabiex igibu l-pulizija izda din qaltilha li xtaqet lir-ragel taghha u ghalhekk telghet maghha l-klinika. Zewgha wasal fuq il-post u talabha n-numru taghha u naturalment tathulu.

Tikkonferma li fl-ebda hin ma laqtet din il-mara. Ghaliha din il-mara qabdet u qasmet bl-addocc. Mistoqsija jekk din il-mara kellhiex bastun twiegeb fin-negattiv u tghid li ma kellhiex. Tghid li hija gharrfet lil din il-mara meta xehdet il-Qorti. Ikkonfermat li meta harget mill-karozza sabitha ma l-art fuq in-naha tad-driver fuq in-naha ta' wara xi ghaxar piedi 'il boghod mill-vettura u dak il-hin qaltilha li qed tugahha jdejha. Pero' tghid li fl-ebda hin ma qaltilha li kienet tajritha u dan lanqas meta qaltilha li kienet ser iggib lill-pulizija tant hu hekk li qaltilha li riedet lir-ragel u mhux lill-pulizija. Tispjega li l-vettura taghha kienet mimlija trab u hekk baqghet mal-waqfa taghha. Jigifieri li kieku misset lil din il-mara kien ikun hemm xi tbaghbis

jew sinjal fuq il-vettura taghha izda ma kienx hemm. Tikkonferma li din il-mara qasmet minn wara l-vettura li kienet qed issuq hi.

**Froilan Vella** xehdet nhar it-8 ta' Jannar 2015 u spjegat li nhar l-24 ta' Jannar 2012 hija kienet fil-kumpanija tal-imputata fil-pjazza ta' Rahal Gdid. Tghid li maghha kien hemm ommha, it-tifel taghha u t-tifel tal-imputata u kienu kollha rikbin fil-vettura misjuqa mill-imputata liema vettura tghid li hija tal-ghamla Toyota Vitz. Tikkonferma li kienet bilqieghda fuq wara ma' ommha u mat-tfal u kienu sejrin jaghtu l-injezzjoni lit-tfal fil-poliklinika. Tghid li hija harget mill-vettura waqt li l-imputata kienet qed tipprova tipparkja u dan sabiex taralha ghaliex kien hemm hafna kommozzjoni fil-pjazza.

Tghid li f'xi hin giet mara minn wara. Sabrina kienet wieqfa bil-vettura u rat lil din il-mara li kienet ser taqsam bla ma thares u fil-fatt qalet lil din il-mara ar'hemm ar'hemm u dan ghaliex l-imputata kienet ser tibda tirriversja. Qalet li meta qaltilha hekk din il-mara tfixklet f'saqajha u waqghet ma l-art. Ikkonfermat il fl-ebda hin ma' din il-mara kellha xi impatt mal-vettura misjuqa mill-imputata. Tghid li din il-mara waqghet wahedha. Tispjega li Sabrina mbaghad harget mill-vettura u akkompanjat lil din il-mara fil-poliklinika. Ikkonfermat li Sabrina kienet qed thares fil-mera u ghalhekk setghet tara lil din il-mara li kienet ghaddejja minn wara l-vettura.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar it-23 ta' Marzu, 2015 (fol. 77) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fl-24 ta' Marzu, 2015 gew moqrija l-artikoli u l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Illi nhar l-24 ta' Marzu 2015 din il-Qorti semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ikkunsidrat

Illi f'din il-kawza din il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti ta' x'gara dakinhar. Il-Prosekuzzjoni qed tallega li kienet l-imputata li rriversjat u laqtet lil Mary Jacono waqt li kienet fil-vettura taghha tal-ghamla Toyota u dan fl-24 ta' Jannar 2012 waqt li d-difiza qed tallega li kienet Mary Jacono li qabdet u qasmet bl-addocc minn wara l-imputata u fl-ebda hin ma l-imputata missitha izda Jacono waqghet ma l-art ghaliex tgerfxet fil-passi taghha stess.

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata, pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

*"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt.*

*Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Il-Prosekuzzjoni ressqet lill-allegata vittma tixhed u tispjega f'aktar dettall dak li kienet qalet lill-pulizija li nvestigat il-kaz a tempo vergine ftit wara li kien sehh l-incident awtomobilistiku u l-imputata ghalkemm mhix obbligata li tixhed ghazlet li tixhed u tikkonferma l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minnha a tempo vergine u kif jirrizultaw mill-okkorrenza esebita a fol. 2 tal-process. Jinghad f'dan l-istadju li l-imputata mhix tenuta li tressaq l-ebda prova sabiex tipprova l-innocenza taghha izda hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha sal-grad li trid il-ligi u cioe' *beyond reasonable doubt.*

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi ddikjarat hati, l-akkuzi dedotti, ghandhom jigu ppruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' Settembru, 1994 fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Philip Zammit et'** u tghid pero' mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li '*dubju jkun dak dettat mir-raguni*.'

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Dicembru, 1997 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Peter Ebejer'**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz '**Miller vs Minister of Pension**' - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt*.'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt.The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa mportanti wkoll li l-Qorti tfakkar lill-partijiet dwar x'jikkostitwixxu provi ndizzjarji. Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha (9) ta' Gunju, 1998 fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Daeowood Sayed Dawood Abd el Kaader'** hemm referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen'** ***[1952] AC 480, 489***.

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no (sottolinear ta' din il-Qorti) other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Ghalhekk kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Gauci et**', li:

*"Circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by undersigned coincidence is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics."*

Bhala konkluzjoni dwar x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u ndividwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati

kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Din il-Qorti fortunatament qieghda f'posizzjoni vantaggjuza meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex ghalkemm il-process ma kienx quddiemha dejjem kienet hi li ghexet il-process u semghet ix-xhieda kollha tul medda ta' zmien u cioe' tisma' viva voce l-provi kollha u ghalhekk setghet tikkontrolla l-kredibilita' u veracita' tax-xhieda prodotti quddiemha.

L-ezercizzju ta' ezami tax-xhud kif kontemplat fl-**Artikolu 657 tal-Kap. 9** u cioe' li tevalwa l-imgieba u l-karattru ta' kull xhud li semghet u li taghmel apprezzament taghha ghall-mod ta' kif ix-xhieda jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom quddiemha, ghal kull interess li jista' jkollu kull xhud u b'hekk tuza l-kriterji kollha li l-ligi taghtiha sabiex tkun f'posizzjoni li tikkontrolla l-kredibilita' tax-xhud li f'dan il-kaz huwa mportanti hafna peress li kif gja ntqal hija rinfaccjata b'versjonijiet konfligenti tal-fatti u ghalhekk f'dan il-kaz, il-Qorti ghamlet apprezzament tax-xhieda moghtija mill-imputat waqt li kien fil-pedana tax-xhieda u dik tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u dan sabiex tara liema versjoni sejra taccetta u hu biss wara li ghamlet dan l-ezercizzju li ghandha tara jekk jibqghux id-dubji ragjonevoli fiha jew le.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura w thoss li l-alternattivi huma tnejn jew li l-imputata qed tghid il-verita' jew ma hiex. Pero' fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti

tasal ghal konkluzzjoni li l-imputata m'hix hatja tad-delitti imputati lilha, trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn persuna u cioe' l-kwerelanti biex jaddebitawlha delitti li ma kkommettitx.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita'.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, w dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Michele Borg et** (deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzata jrid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni w f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, l-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija w ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Issa fil-kaz in ezami l-Prosekuzzjoni pprovat li kien sehh incident gewwa l-pjazza ta' Rahal Gdid quddiem il-Poliklinika u dan nhar l-24 ta' Jannar 2012 ghal habta tad-disgha ta' filghodu (9.10am) meta Mary Jacono spiccat mal-art u kisret il-polz ta' idha u spiccat b'dizabilita' permanenti. Ipprovat ukoll li l-imputata kienet hdejn din Jacono meta' sehh l-incident u cioe' fil-vettura taghha. Illi dawn huma l-fatti li gew provati lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Issa l-Prosekuzzjoni ressqet lil Jacono tixhed u tghid li hija waqghet mal-art peress li giet milquta mill-vettura pero' tghid li l-pulizija ma riditx fuq il-post u jirrizulta li rapport mar jaghmel zewgha dakinhar izda aktar tard filghaxija. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet lill-ebda xhud okulari tal-incident minkejja li fuq il-post kien hemm xhieda li setghu jixhdu fosthom ix-xhud prodott mid-difiza stess Froilan Vella. Din Froilan Vella kkonfermat il-

verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-imputata u kkorroboratha f'kull dettall li setghet tat din l-istess imputata.

Illi jirrizulta li dak li qalet l-imputata u cioe' li nizlet mill-vettura sabiex tghid lill-imputata huwa minnu ghax hu korroborat mill-istess kwerelanti u li anke offrietilha li ggib il-pulizija huwa minnu. In fatti l-kwerelanti tikkolobora dak kollu li qalet l-imputata u Froilan Vella salv u b'eccezzjoni biss dwar jekk Jacono gietx milquta mill-imputata jew le.

Jirrizulta li l-imputata dejjem zammet l-istess verzjoni tal-fatti kif maghrufa minnha tul il-proceduri kollha minkejja li xehdet tlett snin wara li sehh l-incident. Hija fil-fatt ikkonfermat dak li kienet qalet lill-Pulizija waqt li kien qed jinvestiga l-kaz *a tempo vergine*. Illi ghalhekk l-imputat tidher attendibbli fic-cirkostanzi u ma hemm l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex titwemmen.

Fil-fatt jinghad li l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova n-*nexus* bejn il-feriti li soffriet Mary Jacono u s-sewqan tal-imputata.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe' l-Artikoli 17, 31, 226(1)(a)(b) u 533 tal-Kapitolu 9, l-Artikolu 15(1)(a)(2)(3) u 32 tal-Kapitolu 65, tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 81 LS 65.11 tiddeciedi li ma ssibx lill-imputata SABRINA BORG hatja tal-akkuzi u tilliberaha minnhom.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------